


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Kif Tressaq Kawża Quddiem Il-qorti](#) > [Bulgaria](#)

# Kif tressaq kawża quddiem il-qorti

 Bulgarija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 Hemm bżonn li mmur il-qorti jew teżisti alternattiva oħra?

Li wieħed imur il-qorti hija waħda minn diversi alternattivi disponibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Qabel ma jmorru l-qorti, il-partijiet jistgħu l-ewwel jipprovaw isolvu t-tilwima tagħhom barra mill-qorti.

Jekk ma jkunux jistgħu jagħmlu dan waħedhom, il-partijiet jistgħu jirrikorru għall-medjazzjoni. Il-medjazzjoni hija proċedura volontarja u kunfidenzjali ta' soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti li fiha medjatur terz jassisti fl-isforzi tal-partijiet biex jilħqu ftehim. Il-parteċipazzjoni fil-proċedura hija volontarja u l-partijiet jistgħu jirtiraw fi kwalunkwe ħin.

Il-medjatur jaġixxi b'mod imparzjali u ma jimponix soluzzjoni għat-tilwima. Fi proċedura ta' medjazzjoni, il-kwistjonijiet kollha jiġu solvuti bi ftehim reċiproku bejn il-partijiet.

Id-deliberazzjonijiet relatati mat-tilwima huma kunfidenzjali. Il-parteċipanti involuti fil-medjazzjoni huma meħtieġa li ma jiżvelaw l-ebda ċirkostanza, fatt u dokument li jkunu saru jafu bihom matul il-proċedura.

Lista ta' medjaturi li l-partijiet jistgħu javviċinaw, jekk jixtiequ jużaw il-medjazzjoni sabiex isolvu t-tilwima tagħhom barra mill-qorti, hija disponibbli fis-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Ħafna qrati stabbilew ċentri għas-soluzzjoni tat-tilwim u għall-medjazzjoni, li jaħdmu mal-medjaturi li jinsabu fuq il-lista.

L-arbitraġġ huwa disponibbli wkoll bħala rimedju extraġudizzjarju alternattiv. Dan jista' jintuża f'tilwim dwar proprjetà, ħliet għal tilwim li jikkonċerna drittijiet *in rem* jew pussess ta' proprjetà immobbli, manteniment bejn il-miżżewġin u manteniment għat-tfal jew drittijiet tal-impjeg. Is-servizzi ta' arbitraġġ jistgħu jiġu pprovduti minn korp permanenti. Inkella, jistgħu jinbnew proċedimenti ddedikati biex tiġi solvuta tilwima partikolari (arbitraġġ *ad hoc*). L-arbitraġġ iseħħ jekk il-partijiet f'tilwima jkunu kkonkludew ftehim ta' arbitraġġ. Il-kunsens tal-partijiet biex jissottomettu għall-arbitraġġ it-tilwim kollu jew parti minnu li seta' jew jista' jinqala' bejniethom fir-rigward ta' relazzjoni kuntrattwali jew mhux kuntrattwali partikolari huwa stabbilit fi ftehim ta' arbitraġġ. Dan jista' jieħu l-forma ta' klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt ieħor jew ta' ftehim separat. Il-ftehim ta' arbitraġġ irid ikun bil-miktub. Dan jitqies li jkun bil-miktub jekk ikun stabbilit f'dokument iffirmat mill-partijiet jew fi skambju ta' ittri, messaġġi tat-telex, telegrammi jew kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni.

Ftehim ta' arbitraġġ jitqies li jeżisti wkoll meta l-konvenut, bil-miktub jew permezz ta' talba li tkun ġiet irreġistrata fit-traskrizzjoni tas-seduta ta' arbitraġġ, ikun ta l-kunsens tiegħu biex it-tilwima tinstema' quddiem tribunal tal-arbitraġġ jew, meta l-konvenut jipparteċipa fil-proċedimenti ta' arbitraġġ billi jippreżenta kontroreplika, jagħti evidenza, jippreżenta kontrolba jew jidher fis-seduta ta' arbitraġġ, mingħajr ma tiġi kkontestata l-ġurisdizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ.

Fil-ftehim ta' arbitraġġ, il-partijiet jispeċifikaw l-istituzzjoni tal-arbitraġġ li għaliha jixtiequ jissottomettu t-tilwima tagħhom jew l-arbitru partikolari li jixtiequ jaħtru u r-regoli tal-arbitraġġ li taħthom jixtiequ li tiġi solvuta t-tilwima. Il-proċedimenti ta' tribunal tal-arbitraġġ normalment ikunu gġwidati mir-Regoli tal-Arbitraġġ.

Għal aktar informazzjoni, ara wkoll [Ġurisdizzjoni tal-qrati](#).

## 2 Hemm limitu ta' żmien biex inressaq każ il-qorti?

It-terminu biex jitressqu kawżi quddiem il-qrati jvarja skont il-każ. Jista' jkun hemm perjodi ta' preskrizzjoni differenti (li jtemmu d-dritt sostantiv innifsu) jew perjodi ta' preskrizzjoni (li jtemmu biss id-dritt li tressaq kawża quddiem qorti). Għal aktar informazzjoni, ara [Termini proċedurali](#).

Sabiex tiżgura li tressaq kawża qabel ma tgħaddi l-iskadenza, huwa rrakkomandat li tikkonsulta avukat f'kull kawża.

## 3 Għandi mmur quddiem qorti f'dan l-Istat Membru?

Ara [Ġurisdizzjoni tal-qrati](#).

## 4 Jekk iva, f'liema qorti partikolari f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri, skont fejn ngħix jien u fejn tgħix il-parti l-oħra, jew skont elementi oħrajn tal-każ tiegħi?

Ir-regola ġenerali hija li kawża titressaq quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn il-konvenut ikollu l-indirizz permanenti jew l-uffiċċju reġistrat tiegħu.

Madankollu, hemm regoli speċjali għal ċerti tipi ta' talbiet, skont il-*locus standi* tal-parti jew is-suġġett tat-tilwima. Għalhekk:

Kawżi kontra minorenni jew persuni mingħajr kapaċità ġuridika jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikun residenti r-rappreżentant legali tal-parti.

Kawżi kontra persuni mingħajr indirizz magħruf jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikun residenti l-avukat jew ir-rappreżentant legali tal-persuna, jew, jekk il-persuna ma jkollhiex avukat jew rappreżentant legali, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikun residenti l-attur.

Kawżi kontra persuni ġuridiċi jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn il-persuna ġuridika jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha. Kawżi fir-rigward ta' tilwim li jkunu rriżulta minn relazzjonijiet diretti ma' diviżjonijiet jew fergħat ta' tali istituzzjonijiet jew persuni jistgħu b'mod alternattiv jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab id-diviżjoni jew il-fergħa.

Kawżi kontra l-Istat u l-istituzzjonijiet tal-gvern, inklużi d-dipartimenti u l-fergħat tagħhom, jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikunu nħolqu r-relazzjonijiet ġuridiċi li wasslu għat-tilwima, ħlief għal kawżi li għandhom jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli jew fejn ikun se jiġi amministrat it-testment. Meta r-relazzjonijiet ġuridiċi jkunu nħolqu f'pajjiż ieħor, il-kawża titressaq quddiem il-qorti kompetenti f'Sofija.

Jekk it-talba tkun tikkonċerna d-drittijiet *in rem* fi proprjetà, id-diviżjoni tal-koproprietà jew l-istabbiliment tal-konfini jew l-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet ta' sjieda fi proprjetà immobbli, il-kawża titressaq quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab il-proprjetà. Kawżi fir-rigward ta' atti li jstabbilixxu jew jittrasferixxu drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli u l-annullament, in-nullità u t-tħassir ta' atti fir-rigward tad-drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli jitressqu wkoll quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab il-proprjetà.

Kawżi fir-rigward ta' wirt, l-irtirar sħiħ jew parzjali ta' testmenti, id-diviżjoni ta' wirt jew l-annullament ta' diviżjoni volontarja ta' proprjetà jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikun se jiġi amministrat it-testment. Jekk it-testatur ikun ċittadin Bulgaru iżda t-testment ikun amministrat f'pajjiż ieħor, it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn it-testatur ikollu l-aħħar indirizz permanenti tiegħu fil-Bulgarija jew quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab il-proprjetà.

Kawżi fir-rigward ta' talbiet pekunarji li jirriżultaw minn kuntratti jistgħu jitressqu wkoll quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn id-debitur ikollu l-indirizz attwali tiegħu.

Kawżi fir-rigward ta' manteniment bejn il-miżżewġin u manteniment għat-tfal jistgħu jitressqu wkoll quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn l-attur ikollu l-indirizz permanenti tiegħu.

Kawżi minn u kontra konsumaturi jitressqu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn il-konsumatur ikollu l-indirizz attwali tiegħu, jew, fin-nuqqas ta' indirizz attwali, fiż-żona fejn il-konsumatur ikollu l-indirizz permanenti tiegħu.

Il-ħaddiema jistgħu wkoll iressqu kawża kontra l-impjegatur tagħhom quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikun jinsab il-post tax-xogħol abitwali tagħhom.

Jekk tkun ġarrabt dannu inġust, tista' tressaq kawża quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn ikun seħħ id-dannu.

Parti li sofriet dannu tista' tressaq kawża għal kumpens skont il-**Kodiċi tal-Assigurazzjoni** (*Kodeks za zastrahovaneto*) kontra assigurat, kontra l-Fond ta' Garanzija u kontra l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Assiguraturi Bulgari tal-Vetturi tat-Triq quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fiż-żona fejn, fiż-żmien meta seħħ l-avveniment assigurat, l-attur kellu l-indirizz attwali jew permanenti, l-uffiċċju reġistrat jew il-post tal-assigurazzjoni tiegħu. Kawża kontra konvenuti minn distretti ġudizzjarji differenti jew fir-rigward ta' proprjetà li tinsab f'distretti ġudizzjarji oħra titressaq, skont l-għażla tal-attur, quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni f'wieħed minn dawn id-distretti.

Il-ġurisdizzjoni attribwita mil-liġi ma tistax tinbidel mill-partijiet. Madankollu, il-partijiet f'tilwima dwar proprjetà jistgħu ma japplikawx ir-regoli ta' ġurisdizzjoni territorjali billi jiffirmaw ftehim li jikkonferixxi l-ġurisdizzjoni lil qorti partikolari. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal qrati li għandhom ġurisdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli.

Il-kuntratti li fihom klawżoli dwar l-għażla tal-ġurisdizzjoni għal tilwim relatat mal-protezzjoni tal-konsumatur jew li jirriżulta permezz tal-liġi tax-xogħol huma validi biss jekk jiġu ffirmati wara li tinqala' tilwima.

## 5 Għal liema qorti partikolari għandi nirrikorri f'dan l-Istat Membru, skont in-natura tal-każ tiegħi u l-ammont mitlub?

Ir-regoli ġenerali biex titressaq kawża, skont in-natura tal-kawża u l-valur tat-talba, huma kif ġej:

Il-qorti distrettwali għandha l-ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawżi ċivili kollha, bl-eċċezzjoni ta' dawk fejn il-qrati provinċjali jkollhom il-ġurisdizzjoni inizjali. Il-qorti provinċjali, li taġixxi bħala qorti tal-ewwel istanza, għandha ġurisdizzjoni fuq:

1. kawżi li jfittxu li jistabbilixxu jew jikkontestaw filjazzjoni, itemmu adozzjoni, jiddikjaraw li persuna tkun taħt interdizzjoni ġudizzjarja jew jirrevokaw dik l-interdizzjoni;
2. kawżi li jikkonċernaw is-sjeda u drittijiet oħra *in rem* fir-rigward ta' proprjetà b'valur ta' aktar minn BGN 50 000;
3. kawżi relatati ma' kwistjonijiet ċivili u kummerċjali b'valur ta' aktar minn BGN 25 000, bl-eċċezzjoni ta' talbiet fir-rigward ta' manteniment bejn il-miżżewġin u manteniment għat-tfal, talbiet skont il-liġi tax-xogħol jew għall-irkupru ta' nefqa mhux awtorizzata;
4. kawżi li jfittxu l-annullament tal-entrati f'reġistri u n-nullità taċ-ċirkostanzi fir-reġistru pubbliku fir-rigward ta' tali entrati, meta dan ikun previst mil-liġi;
5. talbiet, irrispettivament mill-valur tagħhom, f'rikors wieħed b'talba fil-ġurisdizzjoni ta' qorti provinċjali, jekk ikunu jridu jinstemgħu fl-istess proċedimenti;
6. kawżi li huma soġġetti għal aġġudikazzjoni mill-qorti provinċjali skont liġijiet oħra.

## 6 Nista' nressaq il-każ waħdi jew għandi bżonn intermedjarju, bħal

## pereżempju avukat?

L-attur jista' jagħżel li jressaq kawża personalment jew permezz ta' rappreżentant awtorizzat. Ir-rappreżentanti tal-partijiet bi prokura jistgħu jkunu:

1. avukati;
2. il-ġenituri, it-tfal jew il-konjuġi tal-parti kkonċernata;
3. konsulenti legali jew impjegati oħra bi sfond legali fl-istituzzjoni, in-negozju, il-persuna ġuridika u l-proprjetarju uniku rispettivi;
4. gvernaturi provinċjali awtorizzati mill-Ministru għall-Finanzi jew mill-Ministru għall-Iżvilupp Reġjonali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn il-parti rappreżentata hija l-gvern, u
5. persuni oħra previsti mil-liġi.

Il-prokura li tawtorizza lir-rappreżentant għandha tinhemeż mar-rikors.

## 7 Biex nibda l-każ, fejn irrid inressqu eżatt: fl-uffiċċju tal-informazzjoni, fl-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti jew quddiem xi amministrazzjoni oħra?

Ir-rikorsi normalment jiġu ppreżentati lir-reġistru tal-qorti u aċċettati matul il-ħinijiet tax-xogħol tal-qorti minn skrivan tal-qorti. Ir-rikorsi jistgħu jintbagħtu wkoll bil-posta, indirizzati lill-qorti rilevanti.

## 8 B'liema lingwa nista' nagħmel ir-rikors tiegħi? Nista' nippreżentah bil-fomm jew jeħtieġ li jsir bil-miktub? Nista' nibgħat ir-rikors bil-feks jew bil-posta elettronika?

Ir-rikorsi għandhom jinkitbu bil-Bulgaru u jiġu ppreżentati lill-qorti bil-miktub. Ir-rikorsi jistgħu jintbagħtu bil-posta, imma ma jistgħux jintbagħtu b'faks jew bil-posta elettronika. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Grazhdanski protsesualen kodeks*) jistipula li d-dokumenti kollha li l-partijiet jissottomettu f'lingwi barranin għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjonijiet bil-Bulgaru, li ġew iċċertifikati mill-partijiet.

## 9 Jeżistu formoli partikolari biex fuqhom tiftaħ kawża, jew jekk m'hemmx, kif għandi nippreżenta l-każ tiegħi? Hemm xi elementi li bilfors għandhom jiġi inklużi fil-fajl?

Ir-rikorsi għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub. Ma hemm l-ebda formola speċjali li għandha tintuża għal dan il-għan, ħlief għall-mudell ta' rikors għal ordni ta' ħlas u dokumenti oħra approvati mill-Ministeru għall-Ġustizzja b'rabta mal-proċedura tal-ordni ta' ħlas skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jstabbilixxi għadd ta' rekwiżiti minimi għar-rikorsi mingħajr ma jippreskrivi xi forma speċifika. Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, rikors għandu jinkludi: indikazzjoni tal-qorti; l-isem u l-indirizz tal-attur u tal-konvenut, ir-rappreżentanti jew il-mandatarji legali tagħhom, jekk applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni personali tal-attur u n-numru tal-faks u tat-telex tal-attur, jekk ikun hemm; il-valur tat-talba meta tkun tista' tiġi vvalutata; dikjarazzjoni taċ-ċirkostanzi li fuqhom ikun ibbażat ir-rikors, is-suġġett tar-rikors, u l-firma tal-persuna li tkun ippreżentat ir-rikors. Fir-rikors, l-attur għandu jindika x'evidenza qed iressaq u x'fatti beħsiebu jipprova bihom u jippreżenta l-evidenza kollha bil-miktub li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu.

Ir-rikors għandu jkun iffirmit mill-attur jew mir-rappreżentant tiegħu. Jekk titressaq kawża minn rappreżentant f'isem l-attur, ir-rikors għandu jkun akkumpanjat minn prokura li tikkonferma li r-rappreżentant huwa awtorizzat iressaq il-kawża. Jekk l-attur ma jkunx jaf kif jiffirma r-rikors jew ma jkunx jista' jagħmel dan, għandu jiġi iffirmit minn persuna awtorizzata b'indikazzjoni tar-raġunijiet għaliex ma ffirmahx l-attur. Ir-rikors jiġi ppreżentat lill-qorti b'daqstant kopji daqs kemm ikun hemm konvenuti.

Ir-rikors għandu jkun akkumpanjat minn: prokura meta r-rikors jiġi ppreżentat minn mandatarju; dokument li jikkonferma l-ħlas ta' tariffi u spejjeż tal-qorti, jekk applikabbli; kopji tar-rikors u tal-annessi tiegħu, waħda għal kull konvenut.

## 10 Huwa meħtieġ li nħallas xi tariffi tal-qorti? Jekk iva, meta? Ikun jeħtieġ li nħallas avukat mal-preżentata tar-rikors?

It-tressiq ta' kawża tinvolvi l-ħlas ta' tariffi tal-qorti, li jiddependu fuq il-valur tat-talba u l-ispejjeż tal-proċedimenti, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi. Meta l-valur tat-talba ma jkunx jista' jiġi vvalutat, it-tariffi tal-qorti jiġu ddeterminati mill-qorti. Il-valur tat-talba huwa indikat mill-attur. Din hija l-valutazzjoni monetarja tas-suġġett tal-kawża.

Il-konvenut jew il-qorti *ex officio* jistgħu jqajmu mistoqsijiet dwar il-valur tat-talba sa mhux aktar tard mill-ewwel seduta. Jekk l-ammont indikat ma jkunx realistiku, il-valur tat-talba jiġi ddeterminat mill-qorti.

Hemm żewġ tipi ta' tariffi tal-qorti — sempliċi u proporzjonati. It-tariffi sempliċi jiġu ddeterminati fuq il-bażi tal-ispejjeż materjali, tekniċi u amministrattivi tal-proċeduri. It-tariffi proporzjonati huma bbażati fuq l-imġħax. It-tariffa tal-qorti tinġabar mal-preżentata tar-rikors għal protezzjoni jew rimedju u mal-ħruġ tad-dokument li għalih jiġihallu t-tariffi, f'konformità mat-tariffa approvata mill-Kunsill tal-Ministri.

It-tariffi tal-qorti normalment jiġihallu bi trasferiment bankarju fil-kont tal-qorti wara l-preżentata tar-rikors. Kull parti għandha tħallas lill-qorti l-ispejjeż tas-servizz mitlub bil-quddiem. Fuq talba taż-żewġ partijiet jew b'inizjattiva tal-qorti, l-ispejjeż kollha jiġihallu miż-żewġ partijiet jew minn parti waħda minnhom skont iċ-ċirkostanzi. L-ispejjeż li għandhom jiġihallu jiġu ddeterminati mill-qorti.

It-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti ma għandhomx jiġihallu minn: atturi li huma ħaddiema, impjegati u membri ta' kooperattivi f'rikors li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjeg; f'talbiet ta' manteniment bejn il-miżżewġin u manteniment għat-tfal; f'kawżi mressqa mill-prosekutur; mill-atturi f'kawżi għal danni illeċiti li jirriżultaw mill-kriminalità, b'rabta ma' kundanna li għandha s-saħħa ta' *res judicata*; jew minn rappreżentanti speċjali maħtura mill-qorti ta' parti li l-indirizz tagħha ma jkunx magħruf.

It-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti mhumiex imposti fuq persuni fiżiċi li jkunu rikonoxxuti mill-qorti bħala persuni li ma għandhomx mezzi suffiċjenti. Fil-każ ta' talba għal eżenzjoni, il-qorti tqis id-dħul tal-persuna u tal-familja tagħha, l-assi ċċertifikati, l-istat ċivili, is-saħħa, l-impjeg, l-età u ċirkostanzi oħra. F'dawn il-każijiet l-ispiża tal-litigazzjoni titħallas mill-ammonti allokatu fil-baġit tal-qorti. Fil-każ ta' rikors għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment ippreżentat mid-debitur, ma jinġabrux tariffi tal-qorti. Dawn jinġabru mill-beni tal-insolvenza meta l-proprjetà tinqasam skont l-Att dwar il-Kummerċ (*Targovski zakon*).

Meta rikors jirnexxi kompletament jew parzjalment, il-qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attur parti mill-ispejjeż tal-proċedura bi proporzjona ma' kemm irnexxa r-rikors (it-tariffi tal-qorti, it-tariffi tal-avukat, l-ispejjeż relatati ma' dehriet il-qorti u l-ġbir tal-evidenza). Jekk l-attur jingħata għajna legali b'xejn, il-konvenut jiġi ordnat jirrimborża l-ispejjeż proporzjonalment mal-parti li rnexxiet tar-rikors. Meta l-kawża ma titkompliex, il-konvenut ikun intitolat għar-rimborż tal-ispejjeż u meta l-qorti tiċħad ir-rikors, il-konvenut ikun intitolat jitlob ħlas għall-ispejjeż imġarrba proporzjonalment mal-parti miċħuda tar-rikors.

It-tariffi tal-avukat ikunu bi qbil bejn il-klijent u l-avukat u normalment jiġihallu mal-iffirmar tal-kuntratt għad-difiża legali jew skont it-termini tal-ħlas. L-użu ta' avukat biex titressaq kawża u matul il-proċedimenti tal-qorti mhumiex obligatorju.

## 11 Nista' nitlob għajna legali?

Kwalunkwe persuna fiżika tista' titlob għajna legali jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet legali biex tagħmel dan. L-għajna legali tinvolvi l-għoti ta' parir legali bla ħlas.

Rikors għall-għajna legali jiġi ppreżentat bil-miktub lill-qorti li quddiemha tkun pendenti l-kawża. Fid-digriet li tilqa' r-rikors, il-qorti għandha tispeċifika t-tip u l-grad tal-għajna legali li għandha tingħata. Id-digriet li tagħti għajna legali jidhori fis-seħħ mid-data meta jiġi ppreżentat rikors sakemm il-qorti ma tiddeċidix mod ieħor. Id-digriet jingħata f'seduta fil-magħluq sakemm il-ġudikatura ma tqisx li huwa meħtieġ li tisma' lill-parti sabiex jiġu ċċarati ċ-ċirkostanzi kollha. Jista' jitrressaq appell kontra digriet li jirrifjuta l-għajna legali billi jitrressaq appell privat. Id-digriet maħruġ mill-qorti tal-appell huwa finali.

F'kawżi ċivili u amministrattivi, tingħata għajna legali meta, abbażi ta' evidenza pprovduta mill-awtoritajiet

kompetenti rilevanti, il-qorti jew il-President tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Għajnuna Legali jiddetermina li l-parti ma għandhiex mezzi biex tħallas it-tariffa tal-avukat. Għall-finijiet ta' din id-determinazzjoni, il-qorti tqis dan li ġej:

1. l-introjtu tal-parti fil-kawża jew tal-familja tagħha;
2. il-proprjetà u l-assi tal-parti fil-kawża ċċertifikati b'dikjarazzjoni;
3. l-istat ċivili tal-parti fil-kawża;
4. l-istat tas-saħħa tal-parti fil-kawża;
5. jekk il-parti fil-kawża hijiex impjegata;
6. l-età tal-parti fil-kawża;
7. ċirkostanzi oħra.

Ma tingħatax għajnuna legali:

1. meta l-għoti ta' għajnuna legali ma jkunx iġġustifikat f'termini tal-benefiċċju li jgħib lill-persuna li titlob l-għajnuna legali;
2. meta t-talba tkun manifestament infondata, mhux ġustifikata jew inammissibbli;
3. f'kawżi li jinvolvu tilwim kummerċjali u fiskali skont [Il-Kodiċi tal-Proċedura tat-Taxxa u l-Assigurazzjoni \(Danachno-osiguritelten protsesualen kodeks\)](#), ħlief jekk il-parti fil-kawża li titlob l-għajnuna legali tkun persuna fiżika u tkun eliġibbli għall-għajnuna legali.

L-għajnuna legali titwaqqaf:

1. meta ssejtn bidla fiċ-ċirkostanzi li minħabba fihom ingħatat l-għajnuna legali;
2. mal-mewt tal-persuna fiżika lil min ingħatat l-għajnuna legali.

Il-qorti, li taġixxi *ex officio* jew fuq talba tal-parti fil-kawża jew tal-avukat maħtur mill-qorti, tordna t-terminazzjoni sħiħa jew parzjali tal-għajnuna legali mogħtija sa miż-żmien meta ssejtn bidla fiċ-ċirkostanzi li minħabba fihom tkun ingħatat l-għajnuna legali.

Il-qorti, li taġixxi *ex officio* jew fuq talba tal-parti fil-kawża jew tal-avukat maħtur mill-qorti, tordna l-kanċellazzjoni sħiħa jew parzjali tal-għajnuna legali, jekk jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ingħatat l-għajnuna legali ma kinux jeżistu b'mod parzjali jew bis-sħiħ.

Fil-każ ta' kanċellazzjoni tal-għajnuna legali, il-parti fil-kawża hija meħtieġa tħallas jew tħallas lura kwalunkwe somma li minnha kienet eżentata indebitament, flimkien mat-tariffa tal-avukat maħtur mill-qorti li jirrappreżenta l-parti fil-kawża.

L-avukat maħtur mill-qorti jkompli jaqdi dmirijietu sad-dħul fis-sejtn tad-digriet li jtemm jew iħassar l-għajnuna legali, meta dan ikun meħtieġ biex il-parti fil-kawża tiġi protetta minn konsegwenzi legali avversi. It-terminu għall-preżentata ta' appell jiġi sospiż fl-intervall bejn id-data meta l-qorti tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar it-terminazzjoni jew il-kanċellazzjoni tal-għajnuna legali u d-data meta d-deċiżjoni tidhul fis-sejtn. Ladarba jiskadi dan l-intervall, jerġa' jibda jiddekorri t-terminu għall-preżentata ta' appell.

## 12 It-talba tiegħi minn liema mument titqies li nftetħet b'mod uffiċjali? Nirċievi konferma mingħand l-awtoritajiet dwar jekk il-każ tiegħi ġiex ippreżentat korrettement jew le?

Rikorsi u korrispondenza oħra li jaslu bil-posta u dokumenti li jiġu kkonsenjati personalment waqt il-ħinijiet tax-xogħol tal-qorti jiġu rreġistrati mill-qorti fil-logbook tal-korrispondenza li daħlet fil-jum tal-wasla. Kawża titqies li tkun infetħet uffiċjalment fil-jum meta r-rikors jasal għand il-qorti. Jekk ir-rikors jintbagħat bil-posta jew jasal għand qorti b'oħra jitqies li wasal dakinhar li ntbagħat bil-posta jew dakinhar li wasal fil-qorti l-ħażina. Il-qorti tivverifika l-korrettezza tar-rikors. Jekk ir-rikors ikun irregolari jew jekk mhux id-dokumenti meħtieġa kollha jkun mehmuża, l-attur jintalab isolvi d-diskrepanzi fi żmien ġimgħa u jkun infurmat ikunx eliġibbli għall-għajnuna legali. Meta l-indirizz tal-attur ma jkunx indikat u l-qorti ma tkunx tafu, il-messaġġ jiġi kkomunikat billi jintwera f'avviż f'post magħżul fil-qorti għal perjodu ta' ġimgħa. Meta l-attur jonqos milli jsolvi d-diskrepanzi fil-ħin, ir-rikors, flimkien mal-annessi, jiġi rritornat. Jekk l-indirizz tal-attur ma jkunx magħruf, ir-rikors jinżamm fir-reġistru tal-qorti biex ikun disponibbli għall-attur. L-istess japplika meta d-diskrepanzi fir-rikors jiġu aċċertati matul il-proċedimenti. Il-kawża titqies li tkun infetħet uffiċjalment fil-jum meta jasal ir-rikors emendat.

Jekk, wara li tivverifika r-rikors, il-qorti ssibu li mhux ammissibbli, hija tirritorna r-rikors.

Ir-ritorn tar-rikors lill-attur ma jipprekludix il-preżentata mill-ġdid tar-rikors lill-qorti, imma f'dawn il-każijiet, il-kawża titqies li nfetħet fil-jum meta r-rikors ikun ġie ppreżentat mill-ġdid.

L-awtoritajiet ġudizzjarji ma jibagħtux dokument speċjali li jikkonferma li l-kawża nfetħet kif suppost, imma jitwettqu ċerti proċeduri li juru li dan ikun il-każ. Il-konvenut ikun mitlub jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien terminu stabbilit u jingħadlu x'informazzjoni għandu jkun fiha. Il-konvenut jingħata parir ukoll dwar il-konsegwenzi jekk jonqos milli jwieġeb jew milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu, u dwar il-possibbiltà li juża l-għajnuna legali, jekk il-konvenut ikun jeħtieġ u jkun intitolat għal tali għajnuna. Ir-risposta bil-miktub tal-konvenut għandu jkun fiha: indikazzjoni tal-qorti u n-numru tal-kawża; l-isem u l-indirizz tal-konvenut u r-rappreżentant jew il-mandatarju legali tiegħu, jekk applikabbli; il-pożizzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-ammissibbiltà u l-mertu tar-rikors; il-pożizzjoni tal-konvenut fir-rigward taċ-ċirkostanzi li fuqhom huwa bbażat ir-rikors; argumenti kontra r-rikors u ċ-ċirkostanzi li jirfdu dawk l-argumenti; il-firma tal-persuna li tkun ippreżentat ir-risposta. Fir-risposta għar-rikors, il-konvenut għandu jindika x'evidenza qed iressaq u x'fatti beħsiebu jipprova bihom u jippreżenta l-evidenza bil-miktub kollha li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu. Ir-risposta għandha tkun akkumpanjata minn prokura meta r-risposta tiġi ppreżentata minn mandatarju; kopji tar-risposta u l-annessi tagħha, waħda għal kull attur. Jekk, saż-żmien stipulat, il-konvenut jonqos milli jippreżenta r-risposta bil-miktub, jippreżenta pożizzjoni, iqajjem eċċezzjonijiet, jikkontesta l-veraċità ta' dokument ippreżentat mar-rikors, jew milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu biex jippreżenta kontrotalba, rikors inċidentali jew isejjaħ parti terza intitolata li tintervjeni f'ismu, huwa jitlef il-possibbiltà li jagħmel dan aktar tard, sakemm l-ommissjoni tiegħu ma tkunx dovuta għal ċirkostanzi imprevisti speċifiċi.

Wara l-verifika tal-korrettezza u l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati, il-qorti tiddeċiedi kif se tipproċedi bil-kawża u twieġeb it-talbiet u l-eċċezzjonijiet mill-partijiet dwar il-kwistjonijiet kollha ta' qabel il-proċess u l-ammissjoni tal-evidenza. Il-qorti tista' wkoll tordna medjazzjoni jew mezzi oħra ta' riżoluzzjoni volontarja tat-tilwim.

Il-qorti tagħżel id-dati għas-smiġġ pubbliku tal-kawża u tħarrek lill-partijiet biex jidhru. L-iskrivan tal-qorti jibgħat taħrika lill-partijiet li lilhom tiġi nnotifikata kopja tad-deċiżjoni tal-qorti.

F'kawżi kummerċjali, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula skambju reċiproku ta' dokumenti bejn il-partijiet avversarji. Ladarba tkun waslet ir-risposta, il-qorti tibgħat kopja, flimkien mal-annessi, lill-attur, li jista' jippreżenta rikors addizzjonali fi żmien ġimagħtejn. Fir-rikors addizzjonali, l-attur jista' jissupplimenta u jiċċara l-oriġinal. Wara li jasal ir-rikors addizzjonali, il-qorti tibgħat kopja, flimkien mal-annessi, lill-konvenut, li jista' jippreżenta risposta fi żmien ġimagħtejn. Fir-risposta addizzjonali, il-konvenut għandu jwieġeb ir-rikors addizzjonali.

Wara l-verifika tal-korrettezza tad-dokumenti skambjati u l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati, inklużi l-ammonti tagħhom u t-talbiet u l-eċċezzjonijiet mill-partijiet, il-qorti tiddeċiedi kwalunkwe kwistjoni ta' qabel il-proċess u l-ammissjoni tal-evidenza. Il-qorti tiffissa d-data tal-kawża f'seduta pubblika, u tħarrek lill-partijiet billi tibgħat ir-risposta addizzjonali lill-attur, u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-partijiet. Hija tista' tordna medjazzjoni jew mezzi oħra ta' riżoluzzjoni volontarja tat-tilwim. Meta tkunu ġiet ippreżentata l-evidenza kollha permezz tal-iskambju ta' dokumenti u meta jkun hemm qbil li mhux neċessarju li l-partijiet jattendu s-smiġġ, u jekk il-partijiet ikunu jixtiequ hekk, il-qorti tista' tisma' l-kawża *in camera*, u tagħti l-opportunità lill-partijiet biex jippreżentaw id-difiżi u r-risposti tagħhom bil-miktub.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jinkludi dispożizzjonijiet speċjali li jirregolaw ċerti regoli proċedurali - proċedimenti sommarji, proċedimenti f'kawżi matrimonjali, kwistjonijiet tal-istat ċivili, interdizzjoni ġudizzjarja, diviżjoni ġudizzjarja, protezzjoni u restituzzjoni tad-drittijiet ta' sjeda fuq proprjetà, atti pubbliċi, azzjonijiet kollettivi u talbiet għal mandat eżekuttiv, proċedimenti kawtelatorji, rikorsi għall-protezzjoni u proċedimenti għall-eżekuzzjoni. Hemm regoli speċjali stabbilita fl-Att Kummerċjali dwar il-proċedimenti ta' insolvenza u rikorsi relatati.

**13 Ningħata informazzjoni preċiża dwar iż-żmien li fih ikunu ser isiru s-**

## seduti sussegwenti (b'ħaż-żmien disponibbli għalija biex nidher)?

Meta seduta pubblika tkun ġiet skedata f' seduta magħluqa, il-qorti tħarrek lill-partijiet għas-smiġ tal-kawża. Jekk il-kawża tkun aġġornata b' seduta pubblika, il-partijiet li jkunu ġew imħarrka debitament ma jirċevux taħrika għas-seduta li jmiss jekk ikunu ġew infurmati bid-data fis-seduta pubblika. It-taħrika tinħareġ mhux aktar tard minn ġimgħa qabel is-seduta. Din ir-regola ma tapplikax fi proċedimenti għall-eżekuzzjoni. It-taħrika tinkludi: il-qorti li toħroġha, l-isem u l-indirizz tal-persuna mħarrka, f'liema kawża u f'liema kapacià qed titħarrek, il-post u l-ħin tas-seduta u l-konsegwenzi legali jekk il-persuna mħarrka tonqos milli tidher.

Il-qorti tipprovdi kopja ta' kull deċiżjoni li tkun suġġetta għal appell separat lill-partijiet.

Il-partijiet jirċievu notifika tat-termini stabbiliti mill-qorti għat-twettiq tal-proċedimenti, iżda mhux tat-termini stabbiliti mil-liġi, ħliet għat-termini għall-appell kontra deċiżjoni tal-qorti. Il-qorti hija obligata tiddikjara fi kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja l-awtorità li quddiemha jista' jitressaq appell u t-terminu biex isir dan.

---

■ L-aħħar aġġornament: 23/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.